# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta u Għoxrin (26) ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 1419/2023FDP**

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru
bin-numru ta' referenza 1731/2023,
fl-ismijiet:

**DI Günther Lux (detentur tal-Passaport Awstrijak Numru U5871923)**
**debitament rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu**
**l-Avv Dr Marlon Borg (K.I. Nru. 304189M)**

*kontra*

**Virtual Digital Services Limited (C-90997)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Diċembru 2023 li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti **Virtual Digital Services Limited** talbet is-segwenti:

    1. *Illi dan ir-rikors qiegħed isir ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta mis-soċjeta' sekwestrata Virtual Digital Services Limited sabiex il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv odjern bin-numru 1731/2023 (vide Dok "MA") fl-ismijiet premessi jitħassar għal-raġunijiet validi fil-liġi, hekk kif ser jiġi spjegat hawnhekk u fis-smiegħ tar-rikors;*

    2. *Illi s-sekwestrant nomine talab il-ħrug tal-mandat eżekuttiv odjern abbażi tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Reġjonali ta' Oberlandesgericht Wien, ġewwa l-Awstrija fit-12 ta' April 2023 fil-kawża fl-ismijiet DI Günther Lux vs Virtual Digital Services Limited (Każ*

*16 R 85/23) ("**Sentenza Awstrijaka**") u taċ-ċertifikat Annex I wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti u l-Annex I wara s-Sentenza Awstrijaka maħruġin ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament UE nru. 1215/2012 ("**Brussels I Recast**");*

3. *Illi din t-talba intlaqgħet minn din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Settembru 2023 meta l-istess Onorabbli Qorti akkordat il-ħruġ tal-mandat eżekuttiv de quo kontra s-soċjeta' esponenti;*

4. *Illi s-soċjeta' sekwestranta tirrileva li l-ammont indikat bħala sorte mhuwiex dak rifless fis-sentenza Awstrijaka u għalhekk il-mandat de quo għandu jiġi revokat;*

5. *Illi fl-ittra uffiċjali bin-numru 3401/2023 (vide Dok "IU") mibgħuta mis-sekwestrant noe lis-soċjeta' sekwestrata u li ġiet annessa mal-mandat de quo u mmarkata bħala "Dok. C" ġew annessi żewġ ċertifikati, ossia, Annex I maħruġin ai termini tal-Brussels I Recast u s-Sentenza Awstrijaka. Is-Sentenza Awstrijaka hija deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li minnha jirriżulta li s-soċjeta' sekwestrata appellat d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, "the Regional Court for Civil Matters" liema Qorti kienet ordnat lis-soċjeta' sekwestrata tħallas lis-sekwestrant is-somma ta' seba' mija u wieħed u tmenin elf, mija u erba' Euro (€781,104) flimkien ma' l-ispejjeż ta' dawk il-proċeduri;*

6. *Illi permezz tas-Sentenza Awstrijaka l-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' sekwestrata;*

7. *Illi fis-sezzjoni tas-"sorti" tal-mandat ta' sekwestru eżekeuttiv hawn fuq ċitat is-sekwestrant indika l-ammont ta' tmien mija u disat elef, mitejn, tlieta u għoxrin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€809,223.86). Illi dan l-ammont jinkludi l-ispejjeż tal-Ewwel Qorti li jammontaw għal tlieta u għoxrin elf u disgħa u ħamsin Euro u erba' ċenteżmi (€23,059.04), hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat Annex I immarkat bħala "Dok. E" anness mal-ittra uffiċjali, u l-ispejjeż tal-Qorti tal-Appell li jammontaw għal ħamest elef u sittin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€5,060.82), hekk kif jirriżulta mill-Annex I immarkat bħala "Dok. D" anness mal-ittra uffiċjali;*

8. *Illi s-"sorti" fit-test Malti, jew "amount" fit-test Ingliż tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, f'mandat ta' sekwestru huwa l-ammont prinċipali li jkun qiegħed jintalab mis-sekwestrant **eskluż l-spejjeż u l-imgħax** li għandhom jiġu indikati b'mod seperat fl-istess mandat;*

9. *Illi għalhekk huwa ċar li l-ammont li kellu jiġi indikat bħala "sorti" kien l-ammont ta' seba' mija u wieħed u tmenin elf, mija u erba' Euro (€781,104) li huwa l-ammont li l-ġugatur, hawn sekwestrant, effettivament tilef meta hu kien qiegħed jutilizza s-servizzi tal-logħob tal-ażżard tas-soċjeta' sekwestrata u mhux l-ammont ta' tmien mija u disat elef, mitejn, tlieta u għoxrin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€809,223.86);*

10. *Illi dan l-ammont huwa ukoll rifless fiċ-ċertifikat maħruġ ai termini tal-artikolu 53 tal-Brussels I Recast wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn f'sezzjoni 4.6.1.4 hemm indikat:*

    *"Principal amount:*
    *781,104";*

11. *Illi jirriżulta li s-sekwestrant inkluda mas-sorti l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf mija u dsatax-il Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€28,119.86) rappreżentanti tlieta u għoxrin elf u disgħa u ħamsin Euro u erba' ċenteżmi (€23,059.04) spejjeż tal-Ewwel Qorti u l-ammont ta' ħamest elef u sittin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€5,060.82) spejjeż tal-Qorti tal-Appell;*

12. *Illi b'konsegwenza ta' hekk l-imgħax huwa wkoll ħażin stante li dan ġie ikkalkulat fuq l-ammont ta' tmien mija u disat elef, mitejn, tlieta u għoxrin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€809,223.86) minflok fuq seba' mija u wieħed u tmenin elf, mija u erba' Euro (€781,104). F'dan ir-rigward l-Annex I maħruġ wara d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti jindika li l-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq l-ammont prinċipali bir-rata ta' erbgħa fil-mija (4%) mit-tletin (30) ta' Marzu 2022;*

13. *Illi fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 281 tal-Kap 12, tal-Liġijiet ta' Malta fil-kawża fl-ismijiet Awtorità Marittima ta' Malta vs Polidano Brothers Ltd deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar 2008, intqal hekk:*

    *"Illi li l-għan li għalih iddaħħal ir-rimedju taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir.";*

    *Fil-kawża fl-ismijiet Josephine Spiteri vs Anthony Perry et, digriet interlokutorju, datat 14 ta' Novembru 1994 intqal hekk:*

    *"Illi l-liġi tagħna tgħid li biex jitħassar att eżekuttiv taħt il-proċedura maħsuba fl-artikolu 281 trid tinġieb "raġuni valida", imma ma tagħti l-ebda ħjiel x'tista' tkun raġuni bħal din. In ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma".*

14. *Illi għalhekk din l-Onorabbli Qorti f'din il-kawża għandha tara jekk hemmx raġuni valida sabiex tħassar il-mandat ta' sekewestru hawn fuq ċitat. Is-soċjeta' sekwestrata ssostni li teżisti raġuni valida għat-tħassir tal-mandat hawn fuq ċitat u li hija qiegħda tiġi ppreġudikata serjament minħabba l-fatt li l-ammont mitlub bħala sorte mhuwiex rifless fis-Sentenza Awstrijaka;*

15. *Illi għalhekk hemm raġunijiet validi fil-liġi sabiex il-mandat ta' sewkestru odjern jiġi revokat fl-intier tiegħu.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, mingħajr preġudizzju u b'riżerva ta' kwalunkwe jedd u azzjoni oħra spettanti lis-soċjeta' eżekutata sekwestrata fil-konfront tas-Sentenza Awstrijaka u/jew l-eżekuzzjoni tagħha, inkluż l-azzjoni għar-rifjut tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-istess sentenzi ai termini tal-Regolament (UE) 1215/2012, is-soċjeta' sekwestrata umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna contario imperio, ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-tħassir għal kollox tal-att eżekuttiv odjern ossia l-Mandat ta' Sewkestru eżekuttiv bin-numru 1731/2023 fl-ismijiet hawn fuq premessi;*

2. *Tordna l-ħruġ tal-opportun kontro-mandat u n-notifiki skond il-liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra l-eżekutant nomine.*

2. Rat illi fit-3 ta' April 2024, DI Günther Lux (detentur tal-Passaport Awstrijak Numru U5871923) debitament rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avv Dr Marlon Borg (K.I. Nru. 304189M) laqa' għat-talba rikorrenti billi ressaq is-segwenti difiżi:

1. *Illi din hija risposta għar-rikors tas-soċjeta' sekwestrata ppreżentat ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara illi nhar is-6 ta' Settembru 2023 dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tas-sekwestrant nomine għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1731/2023 (il-"**Mandat**");*

2. *Illi permezz tar-rikors tagħha, is-soċjeta' sekwestrata tallega illi l-ammonti indikati fil-Mandat mhux konsistenti mal-ammonti indikati fis-sentenza estera li a bażi tagħha inħareġ l-att eżekuttiv;*

3. *Illi qabel xejn, jingħad illi l-Mandat ġie maħruġ f'konformita` sħiħa mar-rekwiżiti tal-artikolu 376 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan wara li l-mandant DI Günther Lux ottjena titolu eżekuttiv b' sentenza mill-Qorti Awstrijaka u wara li nnotifika lis-soċjeta' sekwestranta bis-sentenza msemmija permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 3401/2023 ai termini tal-artikolu 43 tar-Regolament (UE) 1215/2012;*

4. *Illi fir-rigward ta' dak allegat mis-soċjeta' sekwestrata u ċioe` li l-ammonti indikati fil-Mandat mhux konsistenti mal-ammonti kanonizzati fis-sentenza li fuq l-iskorta tagħha qed jinħareġ l-att eżekuttiv, jingħad li din hija purament invenzjoni tas-soċjeta` rikorrenti stante illi l-ammont tas-sorte kif indikat fil-mandat fl-ammont kumplessiv ta' tmien mija u disat elef, mitejn, tlieta u għoxrin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€809,223.86) huwa proprju l-ammont kif konanizzat u spjegat kjarament fid-decide tas-sentenza estera bħala s-somma dovuta mis-soċjeta' sekwestrata, liema somma hija rappreżentanti l-ammont ta' seba' mija, wieħed u tmenin elf, mija u erba' Euro (€781,104) bħala s-somma likwidata mill-qorti*

*barranija, u l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf, mija, u dsatax-il Euro sitta u tmenin ċenteżmu (€28,119.86) spejjeż tal-proċeduri fl-Awstrija fiż-żewġ istanzi;*

5. *Illi għandu jirriżulta b'mod loġiku illi l-ammont li għalih inħareġ l-att eżekuttiv ma jinbidilix sija jekk dan jiġix indikat taħt dik is-sezzjoni tal-formola tal-Mandat titolata "Sorte" sija jekk taħt dik is-sezzjoni titolata "Spejjeż", stante* ***illi l-ammont kanonizzat permezz tas-sentenza estera jibqa' dejjem l-ammont ta' tmien mija u disat elef, mitejn, tlieta u għoxrin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€809,223.86);***

6. *Illi in oltre`, sabiex is-soċjeta' sekwestrata jirnexxiela tipprova t-talba tagħha għat-tħassir tal-mandat ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, jeħtieġ li l-istess soċjeta' sekwestrata tipprova wkoll illi bil-mod kif inħareġ l-att eżekuttiv, hija qiegħda "tbati preġudizzju". Stante illi l-ammont dovut jibqa' dak ta' tmien mija u disat elef, mitejn, tlieta u għoxrin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€809,223.86),* ***is-soċjeta' sekwestrata mhi tbati l-ebda preġudizzju!***

7. *Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti nomine qiegħed jagħmel referenza għall-proċeduri identiki fl-ismijiet 'Gabriele Huemer vs TSG Gaming Europe Ltd' (rikors numru: 1139/2023 JVC) (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '***Dok A***'), fejn permezz ta' dawn il-proċeduri is-soċjeta' sekwestrata TSG Gaming Europe Ltd għamlet talba identika għal dina odjerna, pero dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta permezz tad-digriet tagħha ta' nhar id-9 ta' Jannar 2024 ċaħdet it-tali talba dwar is-sorte stante illi is-soċjeta' sekwestrata ma bdiet issofri ebda preġudizzju ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi addizzjonalment, fir-rikors tagħha s-soċjeta' sekwestrata tgħid ukoll illi "l-imgħax huwa wkoll ħażin stante li dan ġie ikkalkulat fuq l-ammont ta' tmien mija u disat elef, mitejn, tlieta u għoxrin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€809,223.86)". F'dan ir-rigward l-esponenti nomine jesponi bir-rispett illi* ***tali allegazzjoni hija totalment infondata u matematikament żbaljata****, u dan in vista' tal-fatt illi l-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf, u ħamsa u għoxrin Euro (€45,025) kif indikat bil-mandat ta' sekwestru de quo huwa l-imgħax ikkalkolat bir-rata ta' erbgħa fil-mija (4%) fis-sena fuq l-ammont ta' seba' mija, wieħed u tmenin elf, mija u erba Euro (€781,104) mit-30 ta' Marzu 2022 sad-data tal-preżentata u għalhekk sas-6 ta' Settembru 2023.*

   *Għaldaqstant, in vista tas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad t-talba tas-soċjeta` rikorrenti bl-ispejjeż, salv għal dawk il-provvedimenti illi jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

**Provi**

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mis-soċjeta' rikorrenti flimkien mar-rikors promotur:

- Mandat ta' Sekwestru Nru 1731/2023 datat 6 ta' Settembru 2023. (fol 6 sa 10)
- Ittra Uffiċċjali Nru 3402/23 mibgħuta mill-intimat lis-soċjeta' rikorrenti fit-3 ta' Awissu 2023. (fol 11 sa 89)

4. Rat illi fit-23 ta' April 2024, il-partijiet qablu illi setgħu jistrieħu fuq il-provi prodotti u l-kawza setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

5. Rat illi fil-21 ta' Mejju 2024, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub.

6. Rat illi fit-12 ta' Ġunju 2024, l-intimat ippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

7. Rat illi fit-13 ta' Ġunju 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti**

8. Jirriżulta illi l-intimat DI Gunther Lux ottjena sentenza kontra s-soċjeta' rikorrenti ġewwa l-Awstrija fit-12 ta' April 2023, fejn is-soċjeta' rikorrenti ġiet ikkundannata tħallas is-somma ta' €781,104 flimkien ma' spejjeż ta' €28,119.86 u imgħax bir-rata ta' 4 fil-mija mit-30 ta' Marzu 2022 sal-pagament effettiv.

9. Jirriżulta illi, sussegwentement, permezz ta' Ittra Uffiċċjali Nru 3401/2023, datata 3 ta' Awissu 2023, l-intimat ipproċeda sabiex irendi eżegwibbli tali sentenza skond ir-regolament tal-Unjoni Ewropeja 1215/2012.

10. Jirriżulta illi fis-6 ta' Settembru 2023, l-intimat ipproċeda biex jippreżenta Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fejn, filwaqt illi għamel referenza għall-Ittra Uffiċċjali fuq imsemmija u s-sentenza estera, indika bħala Kreditu s-segwenti:

| | |
|---|---|
| *Sorti:* | *€809,223.86* |
| *Imgħax:* | *€45,025 bir-rata t'erbgħa fil-mija fis-sena mit-30 ta' Marzu 2022 sad-data tal-preżentata, u għalhekk sas-6 ta' Settembru 2023, b'riserva għall-imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;* |
| *Spejjeż:* | *€57.91 spejjeż tal-Ittra Uffiċċjali bin-numru ta' referenza 3401/2023.* |

11. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob illi l-Mandat ta' Sekwestru kellu jiġi revokat a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 peress illi kien hemm difett fil-forma.

12. Jirriżulta, di fatti, illi s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi l-Mandat ta' Sekwestru kif maħruġ kien żbaljat, u dana għar-raġunijiet segwenti:

    a. Għax fis-somma indikata bħala 'sorte', tniżżel kemm l-ammont deċiż mill-Qorti fl-Awstrija ammontanti għal €781,104 kif ukoll is-somma ta' €28,119.86 li kienu l-ispejjeż inkorsi;
    b. Għax fil-kalkolu tal-imgħax, is-somma hemm mitluba ġiet maħduma sas-6 ta' Settembru 2023, u għalhekk tammonta għal €45,025 filwaqt illi kellha attwalment tinħadem sal-5 ta' Settembru 2023, u għalhekk kellha tammonta għall €44,940.23.

**Konsiderazzjonijet**

13. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, filwaqt illi ma tidhirx illi qiegħda tikkontesta l-validita' tad-deċiżjoni mogħtija ġewwa l-Awstrija fit-12 ta' April 2023, qiegħda, madanakollu, tikkontesta l-fatt illi kien hemm żbalji fil-Mandat per se, u għalhekk kellu jiġi revokat.

14. Il-Qorti tibda billi tosserva illi, ma għandhiex raġun is-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi s-sorte indikat kien żbaljat, għax iddaħħal kemm is-sorte tal-Qorti Awstrijaka kif ukoll l-ispejjeż tal-Qorti Awstrijaka flimkien.

15. Dana qiegħed jingħad, peress illi, permezz tal-Mandat ta' Sekwestru illi qiegħed jiġi impunjat, is-sentenza <u>**kollha**</u> tal-Qorti Awstrijaka qiegħda tiġi enforzata, liema sentenza tinkludi kemm is-sorte **kif ukoll** l-ispejjeż tal-proċeduri per se.

16. Għalhekk, ladarba l-Mandat ta' Sekwestru ġie ppreżentat sabiex tiġi eżegwita s-sentenza Awstrijaka, jsegwi illi l-ammont illi kellu jiġi miġbur, u li huwa indikat bħala 'sorte', huwa s-somma kollha dovuta riżultat tas-sentenza Awstrijaka, ossija €809,223.86.

17. Għalhekk, l-intimat kien korrett jindika tali somma komplessiva bħala 'sorte'.

18. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda wkoll tikkontendi illi l-imgħax ta' 4 fil-mija fuq is-sorte tal-Qorti Awstrijaka, ossija €781,104, inħadem erronjament sas-7 ta' Settembru 2023, ossija fuq 526-il ġurnata, kkunsidrat illi beda jiddekorri mit-30 ta' Marzu 2022, meta fil-fatt tali imgħax kellu jinħadem sas-6 ta' Settembru 2023, ossija fuq 525-il ġurnata.

19. Jirriżulta illi bejn it-30 ta' Marzu 2022 u s-6 ta' Settembru 2023, għaddew 525-il ġurnata.

20. Jirriżulta illi l-imgħax ta' erbgħa fil-mija (4%) mitlub mill-intimat u ammontanti għal €45,025, meta kalkolat fuq is-sorte tal-Qorti Awstrijaka ta' €781,104, juri illi tali kalkolu sar fuq 526-il ġurnata, u mhux fuq 525-il ġurnata, peress illi imgħax ta' erbgħa fil-mija fuq is-sorte ta' €781,104 ikkalkolat fuq medda ta' 525-il ġurnata jagħti total ta' €44,940.23.

21. Jirriżulta, għalhekk, illi l-imgħax miltub ta' €45,025 huwa wieħed żbaljat, u għalhekk il-kalkolu indikat fil-Mandat ta' Sekwestru kif maħruġ huwa ħażin, fejn qiegħed jintalab €85 f'imgħax aktar minn dak dovut.

22. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna saret a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap 12, illi jipprovdi li:

> *Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

23. Jirriżulta illi l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti huwa wieħed ġustifikat, in parte, kif fuq aħjar spjegat, madanakollu id-difett ravviżat, in vista tal-valur ridott tiegħu, ma jistax jitqies bħala difett illi jrendi null il-Mandat kollu.

24. Għalhekk, il-Qorti sejra tħassar l-att eżekuttiv fil-parti tiegħu fejn ġie indikat l-imgħax fl-ammont ta' €45,025, u tordna illi jsiru korrezzjonijiet opportuni sabiex tali imgħax jiġi ridott għall-€44,940.23, u dana għar-raġunijiet fuq indikati.

**KONKLUŻJONI**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba tas-soċjeta' rikorrenti **limitatament** għal dak illi jirrigwarda l-imgħax mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru u għalhekk:

**Tordna** illi l-Imgħax mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru Nru 1419/2023 għandu jkun ta' **erbgħa u erbgħin elf, disgħa mija u erbgħin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€44,940.23)** u mhux is-somma erronjament indikata fl-istess Mandat ta' Sekwestru.

**Tiċħad** it-talba tas-soċjeta' rikorrenti fil-kumplament tagħha, u għalhekk:

Qiegħda tikkonferma l-validita' tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1419/2023, soġġett għall-korrezzjoni fl-imgħax kif fuq indikat.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**